MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Appell Kriminali Numru. 50/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Ian J. Abdilla)**
**Vs**
**Anthony Formston**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli

a. nhar l-20 ta’ Mejju, 2004, fil-Belt Valletta, ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz, bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b. fl-istess data w lok, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-Ligi

minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti, u dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. fl-istess data w lok, xjentement issopprima jew b'xi mod iehor gharraq jew biddel it-tracci jew l-indizji ta' reat, bi ksur tal-Artikolu 111(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. fl-istess data w lok, ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixklu waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'Ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, kemm-il darba din id-dizubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunux jaqghu taht disposizzjonijiet ohra ta' dan il-Kodici jew ta' Ligi ohra, bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. fl-istess data, lok u hin, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux provdut f'dan il-Kodici joffendi l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika, bi ksur tal-Artikolu 338(bb) tal-Kapitolu ta' Malta;

f. kif ukoll talli b'hekk sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Frar, 2009, li biha, ma sabitux hati tat-tielet imputazzjoni (c) u, in vista ta' l-ammissjoni registrata, sabet lill-appellant hati ta' l-akkuzi l-ohra, ai termini tal-artikoli 95, 96, 338(ee), dawn ta' l-ahhar assorbiti fir-reat principali w ta' l-artikolu 338(bb), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta w ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' erba' (4) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-24 ta’ Frar, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tkkonferma f’dik il-parti taghha fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tielet imputazzjoni w hati tal-ewwel, it-tieni, r-raba’ w il-hames imputazzjoni, tirriforma l-istess sentenza f’dik il-parti taghha li tikkoncerna l-piena nflitta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant li jirrigwardaw biss il-piena erogata, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti harset biss lejn il-fedina penali meta giet biex tinfliggi l-piena w ma tat ebda piz ghall-fatt li l-kaz jirrisali ghall-hames snin ilu w li ma hemm ebda procediment iehor pendenti kontra l-appellant. Minkejja r-referenza ghall-artikolu 96 , l-incident kien wiehed *"de minimis"* u l-att tal-appellant kien intiz biex jahtaf il-merkanzija li kienet ser tigi, fil-fehma tieghu, elevata ingustament. Hu risaput li meta oggett jigi elevat mill-Pulizija, jghaddi ammont konsiderevoli ta' zmien sabiex dan jinghata lura. Din kienet merkanzija li nxtrat bis-sewwa. Tabilhaqq il-pozizzjoni li ha l-appellant hija msahha meta jitqies li hu l-appellant gie dikjarat mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha lilu addebitati. Hu kien proprju biddel il-generu tan-negozju tieghu biex ma jkollux inkwiet mal-Pulizija dwar diski w l-Pulizija jmissha hadet *sample* u mhux qabdet u kaxkret kollox bid-dannu finanzjarju li dan igib mieghu. Ma jirrizultax l-addebitu taht l-artikolu 49 u 50 mill-atti. Il-htija riskontrata tidher li kienet tinkwadra taht l-artikolu 95 tal-Kap. 9. Fit-termini ta' dak deciz mill-Ewwel Qorti, r-reati ravvizati taht l-artikolu 96 u 338(e) gew konsidrati bhala assorbiti. L-artikolu 95 jipprovdi ghall-possibilita' ta' piena alternattiva ghal dik karcerarja. Di piu', ma ssemmiex l-artikolu 171 (h) tal-Kap. 9 u fin-nuqqas t' impediment legali kif previst fl-art. 28A (7) tal-Kap.9, xejn ma kien josta lill-Ewwel Qorti milli taghti piena fit-termini tal-Art. 28A.

Rat il-verbal li bih Dr. Joseph Giglio, ghall-appellant, irrinunzja ghall-aggravju li ma jirrizultax l-addebitu tar-recidiva;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi dan hu appell limitat ghall-piena. Il-principju regolatur hu dejjem li din il-Qorti ma tiddistrubax id-diskrezzjoni fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti sakemm din ma tkunx tohrog mill-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament wahda eccessiva.

Kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri) : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler"** [26.2.2009] :-

*"Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b' mod partikolari fuq il-piena, S' intendi, 'sentencing is an art rather than a science' u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita' perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' kaz ma iehor, jew ta' piena erogata f' kaz ma dik erogata f' kaz iehor."* (Ara wkoll **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard"** [20.3.2009] App. Krim. Superjuri)"

Illi l-piena ghar-reat t' attakk u rezistenza kontemplat fit-tieni imputazzjoni, (li hu indubbjament ir- "reat principali" li ghalih ghamlet referenza l-Ewwel Qorti meta qalet li r-reat l-ohra huma assorbiti fih), skond l-artikolu 96 (1), hija dik ta' prigunerija minn erba' xhur sa sena. B' zieda ta' grad ghar-recidiva, l-piena massima titla' ghal tmintax il-xahar prigunerija w dik minima ghall wahda ta' hames xhur prigunerija. Ghalhekk zgur li l-piena ta' prigunerija erogata ma kienetx teccedi l-parametri tal-ligi anzi kienet dik minima w sahansitra bla zieda ta' grad ghar-recidiva.

Illi l-appellant lanqas ma jista' jigbed xi konkluzzjoni posittiva minn xi riferenza ghall-fedina penali tieghu li hi certament wahda refrattarja, bi tnejn u ghoxrin kundanna li jvarjaw minn reati ta' natura kontravvenzjonali ta' storbju w reati konnessi max-xoghol tieghu ghall-reati aktar serji bhal ma huma offizi fuq membri tal-korp tal-Pulizija, ingurji w theddid ripetuti kontra membri tal-korp tal-Pulizija, nuqqas ta' ubbidjenza ghall-ordijiet legittimi tal-pulizija, indhil f' xoghol ta' ufficjali pubblici, kazijiet ripetuti t' attakk u rezistenza fuq membri tal-korp tal-Pulizija, danni volontarji, ksur ripetut tal-ligijiet tal-*copyright*, falsifikazzjoni ta' marki jew sinjali distintivi w glied ma diversi persuni f' okkazzjonijiet differenti. Jidher minn dan kollu li l-appellant ghandu tendenza kronika ghall-vjolenza, specjalment fil-konfront tal-forzi tal-ordni, meta dawn jikkonfrontawh fuq xi agir illegali li jkun qed jikkommetti. Ghalhekk jidher li dan ma kienx xi incident izolat fejn hu nfexx kontra l-Pulizija.

Illi mbaghad ghar-rigward tal-argument tat-trapass taz-zmien, hu minnu li din il-kawza bi ftit xhieda - kif qed jigri f' hafna kawzi ohra quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali - hadet zmien eccessiv biex tigi deciza, imma parti minn dan iz-zmien inhela jew ghax ma deherx l-appellant jew ghax ma deherx l-Avukat tieghu minhabba safar. Hu minnu ukoll li l-Prosekuzzjoni kienet tahti ghal erba differimenti w li saru wkoll xi differimenti mill-istess Qorti. Pero' minkejja li l-Prosekuzzjoni kienet iddikjarat li kienet qed taghalaq il-provi taghha fis-seduta tas-27 ta' Novembru, 2006, is-sentenza appellata ggib id-data tat-12 ta' Frar, 2009. Kull ma sar fl-ahhar sentejn u tlitt xhur, meta l-process kien fl-istadju tad-difiza, kien li giet esebita fuq talba tad-difiza sentenza li tirrigwarda li hu l-appellant.

Dan il-hela' ta' zmien hu deplorevoli ghall-ahhar u din il-Qorti ma tistax ma tergax tesprimi t-thassib serju taghha kif kawzi bhal dawn qed jithallew ikarkru ghal snin shah bla ebda razan jew kontroll ta' xejn, qieshom il-kawzi kriminali qed jigu konsidrati *"sub specie aeternitatis".*

B' dana kollu, kif gje ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Nicola Farrugia et."** [2.10.2002], il-fattur tat-trapass taz-zmien ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta' kriminali tal-hati (ara . "**Ir-Republika ta' Malta vs. Joseph Attard"** [24.7.2000] u **"Ir-Republika ta' Malta vs. Joseph Attard u Angelo Attard"** [24.7.2000] ). Jista' pero', f'xi kazi, jigi konsidrat ghall-fini tal-piena w, kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza "**Il-Pulizija vs. Geoffrey Azzopardi"** [29.1.2001] - ghalkemm f'din l-ahhar sentenza l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti biex varjat il-piena ma kienux limitati biss ghal dik tat-trapass taz-zmien imma kienu ukoll bazati fuq motivazzjoni ohra - it-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma. L-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta' zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun *in toto* jew in parti kagunat jew provokat minnu stess u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra.

Fil-kaz in ezami, kif irrizulta, parti sostanzjali mid-dewmien fil-process kien attribwibbli ghall-appellant. Barra minn hekk mill-kommissjoni tad-delitti fl-20 ta' Mejju, 2004 sal-lum, kif jirrizulta mill-fedina penali aggornata tieghu, l-appellant gie kundannat darba li rega' insolenta w hedded membru tal-korp tal-Pulizija, ma obdiex l-ordnijiet legittimi lilu moghtija w li rrifjuta li jaghti l-partikolaritajiet tieghu fit-30 ta' Settembru, 2005 u darba' ohra li fis-17 t' April, 2008, ma halliex jew fixkel lill-Senior Enforcement Officer tal-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta, waqt li kien qed jaghmel dmirijietu jew b' mod iehor bla jedd indahal fi dmirijietu billi ma halliex lill-istess ufficjal jaghmel dak li bil-ligi kien ordnat jew jista' jaghmel. Igifieri l-appellant ma tghallem xejn mill-proceduri pendenti li kellu kontra tieghu f' din il-kawza w baqa' jirribella kontra l-awtorita' ma kull okkazzjoni li jiltaqa' maghha.

Umbaghad il-fatt li hu kien imbotta lill-Pulizija li marru jelevaw merkanzija ghax hass li ma kellhomx jaghmlu dan

hu aggravju li jirrazenta l-fieragh anki jekk wara gie deciz minn Qorti ohra li huh - li kien gie processat dwar dik il-merkanzija - kien innocenti.

Finalment din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li gie minnha deciz fl-appell kriminali :"**Il-Pulizija vs. Roderick Farrugia"** [26.4.2007] fejn gie ritenut li :-

*" Kif irriteniet din il-Qorti diversi drabi, reati ta' vjolenza attiva fil-konfront tal-Pulizija kull ma jmorru qed jizdiedu w jsiru ferm spissi w l-Qrati ghandhom id-dmir, fejn ikun il-kaz, li jaghtu l-protezzjoni xierqa lill-forzi tal-ordni fejn dawn ikunu qed jagixxu entro il-poteri lilhom moghtija fl-esekuzzjoni tal-ligi w ma jistghux jittrattaw dawn il-kazijiet b' leggerezza w jikkondonaw dak li ma ghandux jigi kondonat b' pieni irrizorji aktar u aktar meta dak li jkun ikun recidiv kif inhu f' dan il-kaz."*

Ghalhekk din il-Qorti ma tara ebda raguni ghal xi temperament fil-piena li nghat fil-minimu taghha skond il-ligi w addirittura bla ma ttiehdet in konsiderazzjoni r-recidiva. Lanqas ma hu l-kaz li tigi imposta sentenza ta' prigunerija sospiza kif qed jitlob l-appellant stante li din hi l-ennezima volta li hu kellu incidenti mal-forzi tal-ordni kif fuq intqal.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud w s-sentenza konfermata fl-intier taghha,

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------